MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2197/2003

**Grech & Ellul**

**vs**

**Kenneth Tanti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm269.95) rappresentanti diversi konsenji ta' zebghu minghand id-ditta attrici u dana skond rendikont anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja tad-9 ta' Settembru 2003 u bl-imghax mid-data tal-fatturasal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tad-ditta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm269.95), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura (Dokument A).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------